Numru 12,988 www.media.link.com.mt

IN-NAZZJON

It-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2011 €0.45




It-tielet edizzjoni tal-Ġirja mal-President ta' Malta George Abela kompliet tiġbed aktar appoġġ. Fil-ġirja tal-bieraħ, il-parteċipanti kienu rekord u żdiedu b'4,000 persuna biex il-poplu tagħna reġa' ngħaqad f'wirja ta' solidarjetà u ġenerożità f'inizjattiva li tiġbor il-fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-ġirja bdiet mill-Palazz tal-President ta' San Anton, f'Ħ'Attard u ntemmet quddiem il-Palazz tal-President fil-Belt Valletta. Ara wkoll paġni 2 u 3. (Ritratt: Michael Ellul)

# Kultura tal-libertà li biddlet pajjiż

Il-kultura tal-libertà espressa fil-ġlieda ghad-demokrazija fis-sebghinijiet u t-tmeninijiet u l-mod kif din twettqet wara l-elezzjoni ġenerali tal-1987, kienet il-fattur ewlieni wara l-bidliet li ghamel il-pajjiż u li wassluh biex illum jinsab fost l-aqwa fl-Ewropa.

Dan kien il-messaġġ espress mill-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista Lawrence Gonzi, mill-President Emeritus Eddie Fenech Adami, kif ukoll mis-Segretarju Ġenerali tal-PN Paul Borg Olivier, f'kommemorazzjoni li fiha l-Partit Nazzjonalista fakkar il-vjolenza politika ta' 25 sena ilu fejn bhal-lum, il-5 ta' Diċembru, tal-1986, kien inqatel Raymond Caruana fl-aqwa ta' żoghżitu.

Il-vjolenza politika li wasslet ghall-qtil ta' Raymond Caruana fil-5 ta' Diċembru 1986 fil-Każin Nazzjonalista tal-Gudja, tfakkret ilbierah mill-PN bl-attività 'Lejn il-Kultura tal-Libertà, fid-Dar Ċentrali tal-PN, f'Tal-Pietà.

għal paġna 5

## Sena ta' kisbiet

Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi sejjah din s-sena li riesqa lejn it-tmiem taghha, bhala wahda ta' kisbiet f'diversi setturi minkejja l-isfidi kbar internazzjonali. Kisbiet riżultat ta' politika ta' ghaqal u serjetà.

Ara paġna 4

## L-elezzjoni fir-Russja

Il-Partit fil-Gvern ta' Vladimir Putin naqqas hafna mill-appoġġ fil-kamra t'isfel tal-Parlament skont l-ewwel indikazzjonijiet li segwew il-votazzjoni ghad-Duma. Intant, il-Partit ghal Russja Maghquda lanqas ma kien ċert minn maġġoranza tas-siġġijiet.

Ara paġna 10

## Miżuri ta' kriżi għall-Italja

Il-Kabinett tal-Prim Ministru Mario Monti mill-bierah stess beda jahdem lejn l-approvazzjoni tal-programm ghall-awsterità li jesiġi qtugh u żidiet fit-taxxa minbarra riforma fil-pensjonijiet tat-Taljani. Dan meta l-Italja tehtieġ tirbah lura l-kredibbiltà tas-swieq wara li tellghet dejn pubbliku ekwivalenti ghal 120 fil-mija tal-GDP.

Ara paġna 11

SAID

WE BUY GOLD & SILVER

Nixtru Kull Tip ta' Deheb u Fidda

43 • Zachary Street • Valletta